MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2011

Talba Numru. 1222/2010

Vodafone Malta Limited (C10865).

Vs

Antonella Vella (Id 423885M).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' sitt mija u sitt ewro u erba u disghin centezmu (€606.94) minghand il-konvenuta, rapprezentanti ammont dovut bhala hlas ta' servizzi u prodotti pprovduti lill-konvenuta mis-socjeta' attrici a bazi ta' ftehim bejn il-partijiet. U minkejja li l-konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex thallas, baqghet inadempjenti. Bl-ispejjes u bl-imghax legali mid-data ta' l-Avviz sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-

terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deheret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna l-konvenuta thallas is-somma ta' sitt mija u sitt ewro u erba u disghin centezmu (€606.94), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------